MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tal-25 ta' April, 2014

Numru. 141/2008

**Il-Pulizija**

**(Spettur Pierre Grech)**

**vs**

**Kyle Gili**

**Illum, 25 ta' April 2014**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Kyle Gili, iben Christopher u Marisa nee` Ancilleri, imwieled Pieta` fl-10 ta' Mejju 1989 u residenti 176, Triq il-Biccini, Zabbar u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 227189(M):

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fil-31 ta' Dicembru 2007 u fis-snin ta' qabel:

1. Kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (ecstasy) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet Li Ghandhom X'Jaqsmu Maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti Dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985, kif emendati, liema medicina instabet f'tali cirkostanzi li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

2. Kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (ecstasy) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet Li Ghandhom X'Jaqsmu Maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti Dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985, kif emendati;

3. Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti, inkluz l-Ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni

Medika u il-Professjonijiet li Ghandhom x'Jaqsmu Maghha (Kap. 31) u l-Ordni tal-istess Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tas-6 ta' Mejju 2013, il-partijiet iddikjaraw illi kienu qeghdin jezentaw lil din il-Qorti kif presjeduta, milli terga' tisma' l-provi mressqa f'din il-kawza sa dakinhar;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

**Kunsiderazzjonijiet Dwar Htija**

L-ewwel u t-tieni imputazzjoni – pussess aggravat u pussess semplici tal-pilloli *ecstasy*

Fis-seduta tas-26 ta' Marzu 2010, **l-Ispettur Pierre Grech**[1] xehed illi fil-lejl tal-31 ta' Dicembru 2007, membri mill-Iskwadra kontra d-Droga ghamlu tfittxijiet gewwa Paceville, fosthom gewwa l-Eden Ice Arena, fejn kien qed isir *party*. Hemmhekk twaqqaf l-imputat waqt li kien diehel fl-imsemmi post u waqt tfittxija li saret fuqu, fil-but tax-xellug, gewwa borza zghira tal-*plastic*, instabulu sitt pilloli *ecstasy* u hdax-il pillola *ecstasy* ohra gewwa kontenitur tal-*plastic* li nstab fil-but tal-lemin. L-imputat irrilaxxja stqarrija fil-presenza ta' PS 1355 u ta' PC 1036. In kontro-ezami, fis-seduta tat-13 ta' Gunju 2011, l-Ispettur Grech qal illi l-imputat ma inghatax l-opportunita` li jikkonsulta ma' avukat qabel l-

[1] A fol. 7 sa 10 tal-process.

istqarrija, stante illi l-ligi dak iz-zmien ma kinitx tippermetti dan.[2] Qal ukoll illi ma jirrizultalux illi mill-investigazzjonijiet li saru kien hemm persuni ohra, dakinhar u f'dak l-avveniment, konnessi mal-kaz tal-imputat.[3]

Fis-seduta tat-13 ta' Gunju 2011, xehdet **Marisa Bartolo**[4], li kkonfermat illi fil-lejl ta' bejn l-ahhar tas-sena 2007 u l-1 ta' Jannar 2008, kienet xoghol fl-Eden Ice Arena, gewwa Paceville u twaqqfu xi zghazagh li kienu nstabu fil-pussess tad-droga, fosthom l-imputat, ghalkemm ma setghetx tiftakar x'kien instab fuqu. Hija qalet illi d-droga misjuba giet issigillatha u mghoddija lill-Ispettur ghal izjed investigazzjoni. Fis-seduta tat-3 ta' Dicembru 2012, xehed **PS 826 Matthew Parnis**[5], li qal illi fil-31 ta' Dicembru 2007, huwa kien xoghol gewwa l-Eden Ice Arena u waqqaf lill-imputat. Fil-but huwa sablu ammont zghir ta' pilloli, bejn wiehed u iehor hmistax-il pillola.

Fis-seduta tat-13 ta' Gunju 2011, xehed ukoll **PC 1036 Jonathan Pace**[6], li qal illi huwa kien xhud tal-istqarrija rilaxxjata mill-imputat, gharaf l-istess stqarrija, kif ukoll il-firma tieghu u ta' PS 1355 Cleon Purshouse u kkonferma li l-imputat ma kienx gie assistit minn avukat dak il-hin.

Fis-seduta tat-12 ta' Dicembru 2011, xehed **Godwin Sammut**[7] li pprezenta r-relazzjoni tieghu[8], mil-liema relazzjoni jirrizulta illi huwa gie mghoddi borza tal-*plastic* trasparenti li kienet tikkontjeni tnax-il pillola D&G u borza ohra tal-*plastic* trasparenti li kienet tikkontjeni bicca *plastic* trasparenti li kien fiha sitt pilloli D&G. Huwa kkonkluda illi fl-estratti mehuda mill-pilloli li gew analizzati, instabet is-sustanza *3,4-Methylenedioxymethamphetamine (MDMA)* u li n-numru totali ta' pilloli kien ta' tmintax. Fix-xhieda tieghu huwa spjega illi din is-sustanza hija *ecstasy.*

[2] A fol. 22 tal-process.
[3] A fol. 24 tal-process.
[4] A fol. 20 u 21 tal-process.
[5] A fol. 34 u 35 tal-process.
[6] A fol. 18 u 19 tal-process.
[7] A fol. 27 sa 29 tal-process.
[8] A fol. 30 tal-process.

Fis-seduta tal-11 ta' Lulju 2013, xehed **l-imputat Kyle Gili**[9] u rrefera ghal persuna li huwa kien iltaqa' mieghu precedentement f'*boat party* u li minghandu kien xtara l-pilloli fl-okkazzjoni tal-istess *boat party.* Kien dan l-istess persuna li gablu l-pilloli fil-jum in kwistjoni. Sitta minnhom kienu tieghu u kienu gewwa borza, filwaqt li kellu hdax-il pillola ohra gewwa bott li kienu tal-istess persuna li gabitlu l-pilloli. Dan il-persuna kien qed jistennieh hdejn il-bieb biex l-imputat idahhalhomlu hu u li hu dahhal dawn il-hdax-il pillola ghal din il-persuna. Qal illi dan il-persuna qallu biex idahhallu l-pilloli u l-imputat ghamel dan. Is-sitt pilloli li kienu tieghu kienu ghalih u kien ser jikkonsmahom huwa stess f'dak il-lejl u li hu kien jiehu hafna izjed minn sitta, ghaliex gieli kkonsma anke tnax jew tlettax f'lejl. Mistoqsi jekk kienx ser jaghti mill-pilloli li kellu lil haddiehor, huwa cahad dan u qal illi s-sitt pilloli kienu kollha ghalih, fil-waqt illi l-bqija kienu tal-persuna l-ohra.

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-provi mressqa jirrizulta car illi fil-lejl tal-31 ta' Dicembru 2007, l-imputat instab fil-pussess ta' numru ta' pilloli – skond hu sbatax-il pillola u skond l-espert Godwin Sammut, in-numru ta' pilloli mghoddija lilu ghall-analazi kienu tmintax – liema pilloli rrizultaw li kienu pilloli *ecstasy.*

M'huwiex kontestat illi fil-fatt l-imputat kien fil-pussess ta' dawn il-pilloli, izda dak li qed jigi kkontestat mid-difiza huwa l-pussess aggravat tal-istess. Id-difiza ssostni illi f'dan il-kaz l-intenzjoni tal-imputat kienet biss illi jzomm il-pilloli ghal ftit minuti, sabiex jiehu huwa stess ir-riskju li jdahhalhom fil-*party* ghal haddiehor, izda ma kienx hemm l-intenzjoni ta' spacc da parti tieghu. Skond id-difiza, in oltre sabiex l-imputat jinstab hati ta' pussess aggravat, irid jirrizulta illi d-droga trid tkun tieghu – u f'dan il-kaz parti minnha ma kinitx - u dan b'tali mod illi huwa mbaghad ikollu l-intenzjoni li jghaddiha lil terza persuna.

[9] A fol. 56 sa 58 tal-process.

Jibda biex jinghad illi m'hemmx dubbju illi l-pilloli nstabu fuq il-persuna tal-imputat u ghalhekk fil-pussess tieghu. Dwar is-sitt pilloli li nstabu f'borza tal-*plastic*, l-imputat jghid illi dawn kienu tieghu u li kienu intizi ghall-uzu esklussiv tieghu. Ix-Xjenzat Godwin Sammut xehed illi minn studju li sar[10], irrizulta illi f'lejl u cioe` bejn nofs il-lejl u s-sitta ta' filghodu, waqt *party*, il-medja normali ta' pilloli kkunsmati kien bejn tnejn u hamsa, fil-waqt illi l-massimu kien ta' disa' pilloli. Dan jiddependi wkoll mill-qawwa tal-pilloli u anke mill-persuna li tikkunsmahom. L-imputat xehed illi huwa gieli anke kkonsma tnax jew tlettax-il pillola f'lejl. A bazi tax-xhieda tal-espert Godwin Sammut u tan-numru ta' pilloli li l-imputat jghid li kienu tieghu u cioe` sitta, il-Qorti tqis illi l-imputat wera sal-grad tal-probabbli illi dawn il-pilloli kienu fil-fatt intizi biss ghall-uzu tieghu.

Fir-rigward tal-pilloli l-ohrajn, madankollu, l-imputat jghid illi dawn ma kinux tieghu u lanqas ma kienu intizi ghalih. Il-ligi titkellem dwar il-pussess tad-droga u mhux dwar il-proprjeta` taghha, fis-sens illi m'huwiex necessarju ghal fini tal-ligi, illi wiehed ikun attwalment sid id-droga sabiex jinstab hati tar-reat in kwistjoni. Kif inghad, il-ligi tehtieg biss il-pussess u tkopri wkoll ghalhekk l-agir tal-imputat illi *ex admissis* accetta li jzomm ghal haddiehor il-pilloli *ecstasy* anke jekk ghal hin qasir. F'dan il-kaz, l-imputat kien fil-pussess materjali tad-droga, kien ben konsapevoli dwar dak li kellu fil-pussess tieghu u ghazel xjentement li jiehu r-riskju ghal terza persuna billi jgorr dik id-droga fuq il-persuna tieghu, sakemm jidhol fil-*party.*

Fir-rigward tas-sottomissjoni tad-difiza, fis-sens illi l-imputat ma kellux l-intenzjoni li jispacca dawk il-pilloli li ma kinux tieghu u li ghalhekk ma jistax jinstab hati tar-reat ta' pussess bl-aggravanti, il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Jason Mallia**, moghtija fit-2 ta' Settembru 1999 (Appell Nru. 130/1999), fejn inghad hekk fir-rigward tar-reat in kwistjoni:

[10] A fol. 44 sa 55 tal-process.

*"Qabel xejn ghandu jigi precisat li mhux korrett li wiehed jghid li biex jikkonfigura r-reat ta' pussess bl-aggravanti kontemplata fl-Artikolu 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 irid ikun hemm provi li juru li l-pussessur kellu l-animus li jispacca d-droga. Jekk tigi ppruvata, mic-cirkostanzi, tali intenzjoni allura certament dak il-pussess ma jkunx ghall-uzu esklussiv tal-pussessur. Izda tali intenzjoni mhix mehtiega ghall-finijiet tal-aggravanti in kwistjoni. Dak li l-ligi tirrikjedi hu li jigu pruvati cirkostanzi li jissodisfaw lill-Qorti sal-grad tal-konvinciment morali "li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati". Fi kliem iehor, jekk persuna jkollha pussess ta' droga li mhix bi hsiebha tuza, tali pussess ikun jammonta ghal pussess mhux ghall-uzu esklussiv tal-pussessur, anke jekk il-pussessur ikun ghadu ma ddecidiex kif bi hsiebu jiddisponi altrimenti minn dik id-droga. Bil-kelma 'uzu' il-legislatur ried ifisser "konsum", u cioe` li l-pussessur juza huwa stess dik id-droga ossia jabbuza minnha billi jikkonsmaha. Ghalhekk, persuna li ma jkollhiex il-hsieb li tuza d-droga izda li zzomm dik id-droga ghandha minghajr raguni valida skond il-ligi biex eventwalment tara x'taghmel biha, ikollha mhux biss pussess ta' dik id-droga, izda dak il-pussess ma jkunx jista' jinghad li hu ghall-uzu esklussiv taghha."*

Huwa car f'dan il-kaz illi l-imputat kien fil-pussess ta' ammont ta' pilloli li ma kienx bi hsiebu jaghmel uzu minnhom u ghaldaqstant dawn la kienu ghall-uzu tieghu u wisq inqas ghall-uzu esklussiv tieghu. Ladarba, skond is-sentenza citata, anke persuna li ma jkollhiex il-hsieb li tuza hija stess minn dik id-droga, izda zzommha minghajr raguni valida, biex eventwalment tara x'taghmel biha, ikollha mhux biss il-pussess ta' dik id-droga, izda l-pussess aggravat tal-istess, ghaliex ma jistax jinghad illi dik id-droga tkun ghall-uzu esklussiv taghha, *multo magis* allura meta ghandek persuna u cioe` l-imputat fil-kaz odjern, illi kien qed izomm id-droga mhux biss bil-hsieb li ma jikkunsmax minnha, izda bil-hsieb li jghaddiha lil haddiehor. Il-fatt li hawn si tratta ta' kaz fejn l-imputat kien ser jghaddi l-pilloli lill-istess persuna li prokuratu bihom huwa rrilevanti ghal fatt in ezami, kif lanqas m'huwa mehtieg l-*animus* fl-imputat li jispacca d-droga lil terzi.

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova sodisfacentement u sal-grad rikjest mil-ligi l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra l-imputat u dan ghal dak li jirrigwarda l-lejl tal-31 ta' Dicembru 2007.

**Ikkunsidrat ukoll:**

L-ewwel imputazzjoni ta' pussess bl-aggravanti tirreferi wkoll ghas-snin ta' qabel il-31 ta' Dicembru 2007. F'dan ir-rigward l-unika prova tirrizulta biss mill-istqarrija tal-imputat u ma ssib l-ebda korrobarazzjoni fil-provi l-ohrajn li gew prodotti, lanqas fix-xhieda tal-istess imputat. Il-Qorti tqis illi l-istqarrija tal-imputat ittiehdet lilu fl-1 ta' Jannar 2008 u ghalhekk fi zmien meta l-ligi Maltija ma kinitx tippermetti li persuna arrestata tikkonsulta ma' avukat qabel l-interrogazzjoni taghha mill-pulizija. Dan id-dritt ghall-assistenza legal qabel l-interrogatorju dahal fis-sehh fl-10 ta' Frar 2010, permezz tal-Avviz Legali 35/2010.

Din il-Qorti tirreferi ghal diversi sentenzi dwar l-ammissibilita` o meno tal-istqarrija fin-nuqqas ta' assistenza legali qabel l-interrogatorju *inter alia* is-segwenti: **Il-Pulizija vs Alvin Privitera** u **Il-Pulizija vs Mark Lombardi** decizi mill-Qorti Kostituzzjonali fil-11 ta' April 2012 u fit-12 ta' April 2012 rispettivament, **Charles Steven Muscat vs Avukat Generali** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-8 ta' Ottubru 2012, **Il-Pulizija vs Amanda Agius** u **Il-Pulizija vs Tyrone Fenech**, decizi mill-Qorti Kostituzzjonali fit-22 ta' Frar 2013, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-26 ta' April 2013, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Antonio Abdilla et**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Mejju 2013, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmel Saliba**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-2 ta' Mejju 2013, **Il-Pulizija vs Jesmond Camilleri**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-18 ta' April 2013, **Il-Pulizija vs Alexei Zerafa**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-31 ta' Lulju 2013, **Il-Pulizija vs Paul Cutajar** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-18 ta' Gunju 2013 u **Il-Pulizija vs Deborah Osmond**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-31 ta' Ottubru 2013.

Fil-kaz odjern, meta ttiehdet l-istqarrija tieghu, l-imputat kellu 18-il sena u sa dakinhar ma jidhirx li kien skonta xi sentenza ta' prigunerija u lanqas ma jidher illi kien gie interrogat jew investigat mill-pulizija qabel il-kaz in dizamina, u dan kif jirrizulta mill-fedina penali tieghu, li fiz-zmien tal-istess kaz, kienet wahda netta (a fol. 3 tal-process). Fis-sentenza taghha fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Tyrone Fenech</u>**, deciza fit-22 ta' Frar 2013, il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk:

*"27. Din il-qorti ġà osservat illi l-jedd għal smigħ xieraq ma jingħatax biex min hu ħati jaħrab il-konsegwenzi ta' għemilu minħabba xi formalità nieqsa minn konsegwenzi gravi u reali. Qabel ma daħal fis-seħħ l-art. 355AT tal-Kodiċi Kriminali l-jedd għal parir ta' avukat kien magħruf bħala element tal-jedd għal smigħ xieraq bil-ħsieb illi jitħarsu persuni illi, minħabba sitwazzjoni partikolari ta' vulnerabilità, djgħufija jew biża', setgħu jagħmlu stqarrijiet li bis-saħħa tagħhom jinsabu ħatja meta fis-sewwa ħatja ma humiex. L-għajnuna ta' avukat f'sitwazzjonijiet bħal dawn isservi biex tegħleb dik il-vulnerabilità u biex tagħti garanzija kontra kull abbuż fit-teħid tal-istqarrija.*

*28. Fil-każ tallum Tyrone Fenech, li kien għadu kemm għalaq dsatax-il sena meta għamel l-istqarrija, għandu mnejn illi minħabba l-età tiegħu kellu dik il-vulnerabilità u għalhekk nuqqas ta' dik il-garanzija iwassal għal ksur tal-art. 6.*

…

*31. … din il-qorti … taqbel mal-Ewwel Qorti illi l-ewwel stqarrija mogħtija quddiem il-pulizija fl-10 ta' Frar 2004, minħabba l-vulnerabilità ta' Tyrone Fenech meta tqis l-età tiegħu, ma ngħatatx f'ċirkostanzi li jiggarantixxu l-leġittimità ta' dik l-istqarrija, u għalhekk l-użu tal-istqarrija jkun bi ksur tal-art. 6 tal-Konvenzjoni …".*

F’dan il-kaz, l-imputat kellu biss tmintax-il sena meta rrilaxxja l-istqarrija tieghu u ma kellux esperjenza ta’ interrogatorju, u ghalhekk jista’ jitqies li kien persuna vulnerabbli. La darba l-htija tieghu fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni, in kwantu din tirrigwarda s-snin ta’ qabel il-31 ta’ Dicembru 2007, tista’ tirrizulta biss mill-istqarrija tieghu, minghajr ebda korroborazzjoni fi provi ohrajn, izjed u izjed meta l-imputat ghazel li jiehu l-pedana tax-xhieda u ghalhekk qieghed lilu nniffsu f’posizzjoni fejn il-Prosekuzzjoni kellha kull opportunita` li taghmillu domandi anke in konnessjoni ma’ reati ohrajn li setghu jirrizultaw mill-istqarrija tieghu, il-Qorti mhijiex qed issib lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni in kwantu biss din tirrigwarda s-snin ta’ qabel il-31 ta’ Dicembru 2007.

Fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, u cioe` dik ta’ pussess semplici tal-pilloli *ecstasy*, din tirrizulta car kemm mix-xhieda tal-pulizija li ghamlu tfittxija lill-imputat, kif ukoll mix-xhieda tal-imputat li jammetti li kellu fil-pussess tieghu, total ta’ sbatax-il pillola *ecstasy.* In oltre fl-istess xhieda tieghu, l-imputat jghid, b’referenza ghal okkazzjonijiet precedenti, illi huwa gieli ha tnax jew tlettax-il pillola f’lejl u dan meta huwa kien qed jigi mistoqsi dwar is-sitt pilloli *ecstasy* li nstabu fuqu u li huwa xehed li kienu intizi ghalih biss. Ghaldaqstant, apparti illi gie sodisfacentement ppruvat illi l-imputat kien fil-pussess tal-pilloli *ecstasy* fil-31 ta’ Dicembru 2007, gie wkoll ppruvat, sal-grad rikjest mil-ligi, illi l-imputat kien fil-pussess tal-istess pilloli anke fis-snin ta’ qabel l-istess data.

It-tielet imputazzjoni – pussess semplici tar-raza tal-*cannabis*

Din l-imputazzjoni hija bazata biss fuq l-istqarrija rrilaxxjata mill-imputat u ma ssib l-ebda korroborazzjoni fil-provi l-ohra mressqa. Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet moghtija izjed il’fuq, l-imputat qed jigi lliberat minn din l-imputazzjoni. *In ogni caso* ta’ min jghid illi fl-istqarrija tieghu l-imputat jirreferi ghal ‘haxixa’ – kelma li normalment, tigi assocjata mal-pjanta tal-*cannabis* u mhux mar-raza mehudha mill-pjanta *cannabis* u ghaldaqstant xorta wahda

jezisti dubbju dwar jekk l-imputat kienx abbuza mir-raza tal-*cannabis* jew mill-pjanta; distinzjoni din li taghmilha l-ligi stess.

**<u>Kunsiderazzjonijiet Dwar Piena</u>**

Ghal fini ta' piena, il-Qorti qieset illi l-imputat ikkopera mal-pulizija bis-shih waqt l-investigazzjoni taghha u qieset ukoll il-fedina penali tal-imputat li kienet netta fiz-zmien tar-reati in kwistjoni u li fil-fatt baqghet netta sal-15 ta' Ottubru 2013.

Qieset ukoll in-numru ta' pilloli misjuba fil-pussess tal-imputat, izda mill-banda l-ohra qieset ukoll ic-cirkostanzi li fih sehhew ir-reat ta' pussess bl-aggravanti.

Ikkunsidrat ukoll illi in kwantu jirrigwarda l-31 ta' Dicembru 2007, ir-reat ikkontemplat fit-tieni imputazzjoni serva bhala mezz ghall-fini sabiex seta' jigi kommess ir-reat fl-ewwel imputazzjoni u ghaldaqstant ghandhom jigu applikati d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 fir-rigward tat-tieni imputazzjoni. Fir-rigward tal-htija ta' pussess semplici tal-pilloli *ecstasy* ghas-snin ta' qabel il-31 ta' Dicembru 2007, il-Qorti applikat id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(f) tal-Kap. 9.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(2)(b)(i) u (ii) tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Avviz Legali 22/1985, l-Artikoli 8(a), 22(1)(a), 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 9 tal-

Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, qed issib lill-imputat **mhux hati** tat-tielet imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tilliberah minnha, fil-waqt illi qed issibu **hati** tal-ewwel imputazzjoni (b'referenza biss ghal 31 ta' Dicembru 2007) u t-tieni imputazzjoni (b'referenza ghal 31 ta' Dicembru 2007 u ghas-snin ta' qabel) u tikkundannah ghal piena ta' **sitt xhur prigunerija** u **multa ta' tminn mitt Euro (€800)** li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt Euro (€100). L-ewwel pagament ghandu jsir fi zmien xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qed tigi b'din is-sentenza erogata, u ghal dan il-fini r-Registratur ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data.  Pero` jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) jew parti minnhom dovuti.

In oltre, il-Qorti tordna lill-hati ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti a tenur tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe` l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-espert forensiku Godwin Sammut, ammontanti ghas-somma ta' mija, disgha u sittin Euro u wiehed u ghoxrin centezmu (€169.21), liema spejjez ghandhom jithallsu fi zmien sitt (6) xhur mil-lum, b'dan illi jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' jum habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

Finalment, il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga esebita bhala Dok. PG1, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------